# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum l-Erbgha 6 ta' Dicembru, 2017

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kurt Zahra)**

**vs.**

**Carmelo Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Carmelo Vella ta' 44 sena, iben Alfred u Teresa nee' Mizzi mwieled Pieta' fit-13 ta' Gunju 1964 u li joqghod fil-fond Appartament nru 9 'St. Paul's Court' Triq il-Qroll San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta ta' l-identita' 319064M

Akkuzat talli:

1. Fl-24 ta' Jannar, 2009 ghall-habta tas-saghtejn u kwart ta' wara nofsinhar, waqt li kien fi Triq Ghajn Dwieli, f'Telghet
2. Kordin u toroq ohra f'Rahal Gdid, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, kontra l-persuna tal-kuntistabbli numru 170 Edward Calamatta, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna tal-kuntistabbli numru 170 Edward Calamatta, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jghamel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' hsara fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni GVP600 (EBB723) ta' l-ghamla Ford Focus, liema hsara li tiskorri s-somma ta' €116 (Lm50) izda inqas minn €1165 (Lm500), saret ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;
5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u cioe' membru tal-korp tal-pulizija, jew ma hallihx jew fixklu waqt li kien jghamel id-dmijiet tieghu, jew b'xi mod iehor bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma hallihx jaghmel dak li b'ligi kien ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li kien ghamel skond il-ligi jew b'xi mod iehor li jkun;
6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi waqt li kien qieghed isuq vettura numru tar-registrazzjoni CTH 003 ta' ghamla Toyota Avensis ma kellux il-kontroll shih tal-vettura u li holoq tali periklu billi waqt l-istess sewqan kien qieghed jghamel uzu minn apparat cellulari;
7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi irrifjuta li jaghti, jew ta falz lill-ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien jghamel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikolaritajiet ohra;
8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi qal kliem oxxen fil-pubbliku;
9. Qieghed jigi akkuzat ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu, b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta;
10. Finalment akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 15 t'April, 2009,[1] fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

[1] A fol. 86 tal-process.

(a) Fl-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 95, 96, 325(1)(b), 338(g), 338(ee), 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikolu 115(2) ta' l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994 kif sussegwentement emendat;
(d) Fl-artikolu 28B, 28C u 28D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta/

Rat li waqt l-udjenza tal-25 ta' Gunju, 2009,[2] l-imputat Carmelo Vella ddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda, u rat id-dokumenti ezebiti u l-atti l-ohra ta' dawn il-proceduri.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar il-fatti li taw lok ghal bidu ta' dan l-incident li ta lok ghal dawn il-proceduri, u brevement dawn il-fatti huma s-segwenti:

1. L-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu fit-Telgha ta' Kordin, f'Rahal Gdid, u waqt li kien qed isuq kien qed jitkellem fuq il-mobile phone. Fil-vettura tieghu kien hemm il-partner tieghu Anne Marie Muscat u zewg itfal.
2. Fl-istess triq kien qed isuq PC 170 Edward Calamatta, li kien liebes pajzan u qed isuq il-vettura tal-Kummissarju tal-Pulizija – peress li hu x-xufier tieghu – pero il-vettura kienet pajzana bajda, u ma kellha xejn x'jindika li kienet karozza tal-Pulizija.
3. PC 170 beda jaghmel sinjali lill-imputat biex jitfa' l-karozza fil-genb tat-triq u joqghod jitkellem fil-genb, u imma l-imputat ma tax kazu.
4. Meta ra hekk, PC 170 daqq is-sirena u ghamel sinjal lill-imputat biex jipparkja mal-genb tat-triq, u l-imputat obda. PC 170 ipparkja quddiemu.

[2] Ara fol. 85 tal-process.

5. PC 170 hareg mill-vettura tieghu u mar fejn it-tieqa tax-xufier tal-vettura tal-imputat, imma l-imputat kien ghadu jitkellem fuq il-mobile phone, u ghalhekk qaghad jistennieh jispicca t-telefonata.

Minn hawn il-quddiem hemm divergenza sostanzjali fuq il-verzjoni tal-fatti bejn tal-Prosekuzzjoni u dik tad-Difiza. Il-Qorti se tirriproduci fil-qosor iz-zewg versjonijiet:

*Il-Versjoni tal-Prosekuzzjoni*

1. Meta l-imputat temm it-telefonata tieghu, PC 170 identifika ruhu u talbu l-karta tal-identita, imma l-imputat wiegbu li ma kellux l-karta tal-identita fuqu.
2. PC 170 widdbu li suppost kellu jzomm il-karta tal-identita fuqu u li kien se jirraportah, u fil-pront l-imputat nizel mill-vettura tieghu u beda jimbuttah minn spallejh *"bhal bullying"*, beda jghid kliem baxx fil-konfront tieghu, u ta daqqa ta' ponn fuq il-vettura tal-Pulizija.
3. PC 170 beda jipprova jikkalmah, imma kien ghal xejn.
4. Konsegwenza tad-daqqa ta' ponn tal-imputat, il-vettura tal-Pulizija soffriet danni fl-ammont ta' €224.20.

*Il-Versjoni tad-Difiza*

1. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu u jitkellem fuq il-mobile, ragel li kien b'karozza bajda gibed ma gembu u beda jaghmillu sinjal biex inehhi l-mobile minn idu. L-imputat jghid li ma tax kazu, ghax sa dak il-hin ma kienx jaf li kien pulizija, ghax kienet karozza privata u kien liebes pajzan.
2. Imbaghad dan ir-ragel daqqlu s-sirena tal-Puizija u l-imputat waqqaf mal-genb tat-triq, u dan ir-ragel ipparkja quddiemu.
3. Dan ir-ragel hareg mill-karozza u mar hdejn il-bieba tal-imputat u qallu li kien se jaghtih ticket ghax hu kien pulizija. L-imputat talbu jidentifika ruhu, u dan ir-ragel urih d-dokument ta' identifikazzjoni ta' Pulizija, bhala PC 170.
4. PC 170 talbu l-karta tal-identita tieghu, u l-imputat tah il-licenzja tas-sewqan, pero PC 170 ma ridiex u baqa' jinsisti ghal karta tal-identita.
5. Imbaghad l-imputat hareg mill-karozza tieghu u mbotta lil PC 170.

6. Imbaghad PC 170 sejjahlu hdejn il-vettura tieghu u beda jispjegalu l-perikolu li jsuq waqt li jkun qed jitkellem fuq il-mobile. L-imputat qal hekk *"Jien ghidtlu li kellu ragun u biex jaghtini ticket u ghannaqtu u bistu."*
7. PC 170 qal lill-imputat li hu kien jaf jaghmel kif ghamillu hu, u imbuttah u beda jghidlu li kien ix-xufier tal-Kummissarju tal-Pulizija u li kien jittrenja.
8. L-imputat jghid li malli PC 170 imbuttah, huwa rrabja, u jahseb li dak il-hin ta daqqa fuq il-karozza tal-Pulizija.
9. Dak il-hin harget il-partner tieghu mill-karozza ghax it-tifel beda jikbi, u PC 170 startja l-vettura tieghu u telaq.
10. L-imputat jghid li hu fl-ebda hin ma refa' jdejh fuq PC 170, hlief meta dan gie mal-bieba tal-vettura tieghu fil-bidu biex iharrku.
11. Fix-xhieda li ta quddiem din il-Qorti, l-imputat ikkonferma din l-istqarrija, pero zied jghid li hu hareg ghal PC 170 u imbuttah, ghax PC 170 irrabja li ma kellux il-karta tal-identita u beda jaghti b'idejh catta fuq il-windscreen tal-vettura tieghu, li kien ghadu kemm xtraha.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

<u>*Kwistjoni Preliminari – L-ammissibilita tal-istqarrija*</u>

Il-Qorti tirrileva li l-istqarrija tal-imputat giet esebita mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tas-6 ta' Frar 2009, u d-difiza mhux biss f'ebda stadju ta' dawn il-proceduri ma qajmet l-ebda kwistjoni fir-rigward ta' din l-istqarrija, talli l-imputat, li ghazel li jitla' jixhed, ikkonferma il-kontenut taghha waqt ix-xhieda tieghu fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2011. In vista tal-fatt li l-imputat, debitament assistit mil-legali tieghu, ikkonferma l-istqarrija rilaxxata minnu, waqt ix-xhieda tieghu, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, f'dan il-każ, minkejja li fiz-zmien li ttiehdet l-istqarrija, il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, l-insenjament fis-sentenza **Mario Borg vs Malta**, deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-12 ta' Jannar 2016, ma japplikax ghall-fattispecje tal-kaz odjern. Konsegwentement, il-Qorti tqis li din l-istqarrija tal-imputat hi prova valida u ammissibbli f'dawn il-proceduri.

*<u>Il-Meritu</u>*

Il-Qorti m'hix sejra tikkunsidra l-imputazzjonijiet kontenuti fic-citazzjoni, imma r-reati kontemplati fin-nota tar-rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali, stante li legalment dawn huma l-imputazzjonijiet kontra l-imputat.

*<u>L-Artikoli 95 u 96 tal-Kodici Kriminali</u>*

L-Artikolu 95 jikkontempla r-reat ta' inġurji jew theddid kontra uffiċjali pubbliċi oħra jew offiżi fuq il-persuna tagħhom. L-Artikolu 96 jikkontempla r-reat ta' attakk jew reżistenza kontra persuna inkarigata mil-ligi biex taghmel servizz pubbliku.

Din il-Qorti ma ghandhix dubbju li l-versjoni korretta ta' dak li gara hija dik moghtija minn PC 170. Fl-istqarrija tieghu moghtija a *tempo vergine*, l-imputat – li ma kienx l-ewwel darba li xellef idejh mal-forza tal-ordni, kif tixhed il-fedina penali tieghu – imkien ma semma li PC 170 beda jhabbat idejh fuq it-tieqa tal-windscreen tal-vettura tieghu, ghax kien irrabjat ghax l-imputat ma kellux fuqu il-karta tal-identita. Fil-fatt, in kontro-ezami, PC 170 ma gie mistoqsi l-ebda mistoqsija dwar dan l-allegat fatt. Dan l-allegat fatt issemma l-ewwel darba mill-imputat fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, biex ovvjament jipprova jinvoka favur tieghu l-eccezzjoni tal-provokazzjoni, kif fil-fatt ghamlet l-abbli difensur tal-imputat fit-trattazzjoni orali finali. Kieku dan il-fatt kien veru, din il-Qorti m'ghandhix dubbju li l-imputat kien isemmieh fl-istqarrija tieghu, biex jiggustifika ghalfejn hu hareg jimbotta lil PC 170.

Huwa vera li x-xhud Anne Marie Muscat, li kienet passigiera fil-vettura mal-imputat xehdet li PC 170 ta' daqqa fuq il-windscreen, ghax ried l-karta tal-identita tal-imputat. Pero ghalkemm din ix-xhud qalet li l-imputat offrielu id-dokument tal-licenzja tas-sewqan – haga li hi michuda minn PC 170 – iktar tard l-istess xhud qalet, li meta PC 170 baqa' jinsisti ghal karta tal-identita *"hrigt il-log book jiena ghax qieghed gol-pocket u ghandu kollox hekk u ghal xejn voldieri."* Dan ifisser li fl-ahjar ipotesi ghall-imputat, hu offra lil PC 170, il-log book u mhux il-licenzja tas-sewqan, ghax kieku kellu fuqu l-licenzja tas-sewqan, ix-xhud Muscat ma kellhix ghalfejn tohrog il-log book.

Huwa principju enuncjat fl-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali hu li x-xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk, din il-Qorti ghandha kull dritt, li wara li qieset ix-xhieda kollha u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, temmen lil PC 170 u tiskarta c-cahda tal-imputat u tax-xhud Muscat.

Ghalhekk, l-imputazzjoni tar-reat kontemplat fl-Artikolu 96 – cioe li l-imputat attakka lil PC 170 giet debitament ippruvata.

Mill-provi jirrizulta wkoll li l-imputat ingurja lil PC 170 billi kellmu oxxen u bi kliem baxx, u dan ovvjament bl-intenzjoni li jtellfu u jnaqqaslu l-giegh lilu u lill-korp tal-Pulizija li kien qed jirrapprezenta.

Il-Qorti tqis li d-daqqa ta' ponn bis-sahha li l-imputat ta fuq il-vettura tal-Pulizija – anke meta kien jaf li din kienet addirittura l-vettura personali tal-Kummissarju tal-Pulizija – kienet intiza ukoll bhala forma ta' theddida implicita indiretta. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Gauci**, deciza fit-12 ta' Gunju 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali[3] ikkwotat b'approvazzjoni lil **Antolisei** meta jghid *"... ... e sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquilita della persona a cui e rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro: "ti faro vedere di che cosa sono capace."*[4]

Id-daqqa ta' ponn li l-imputat ta fuq din il-vettura ma kinietx biss intiza bhala att ta' vendikazzjoni, imma ukoll intiza biex turi lil PC 710 x'kien kapaci jaghmel, u biex bil-fatti l-imputat jipprova dak li qal bi kliem baxx lil PC 710, u cioe li hu ma jimpurtah minn hadd.

Ghaldaqstant, anke r-reat kontemplat fl-Artikolu 95 gie debitament ippruvat.

*Artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali – Hsara volontarja*

L-imputat mhux jikkontesta li hu ikkaguna hsara ta' €224.20 bid-daqqa ta' ponn li ta fuq il-vettura tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dan ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

---

[3] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano.
[4] **Antolisei, F**: **Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I** Giuffre (Milano) 1986, p. 140.

Inoltre, dan ir-reat gie sodisfacentement ippruvat mill-Prosekuzjoni.

*Il-Kontravvenzjonijiet kontemplati fl-Artikoli 338(g), 338(ee) u 338(bb) tal-Kodici Kriminali*

L-Artikolu 338(g) jikkontempla l-kontravvenzjoni ta' min jirrifjuta li jaghti d-dettalji personali tieghu lil xi wiehed inkarigat mis-servizz pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu.

L-Artikolu 338(ee) jikkontempla l-kontravvenzjoni ta' min ifixkel lil wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, waqt li jkun qed jaghmel id-dmirijiet tieghu.

L-Artikoku 338(bb) jikkontempla l-kontravvenzjoni ta' min jghid kliem oxxen u indicenti fil-pubbliku.

Ghar-ragunijiet li diga inghataw iktar il-fuq, dawn il-kontravvenzjonijiet gew it-tlieta debitament ippruvati.

*L-Artikolu 115(2) tal-Avviz Legali 128/1994, kif sussegwentement emendat*

Kemm fl-istqarrija kif ukoll fix-xhieda tieghu, l-imputat ammetta li hu kien qed isuq waqt li jitkellem fuq it-telefon cellulari tieghu, apparti li dan ir-reat jirrizulta debitament ppruvat mix-xhud PC 107 u mix-xhud Anne Marie Muscat.

L-Avviz Legali 128/1994, illum huwa L.N. 65.11 – Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur.

*L-Artikoli 28B, 28C u 28D tal-Kodici Kriminali*

Dawn l-artikoli jittrattaw il-ksur ta' sentenza sospiza.

Il-Prosekuzzjoni esebiet is-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta deciza fit-28 ta' Jannar 2008, fejn l-imputat ghal xaharejn prigunerija sospizi ghal sena. Ir-reati taghhom din

il-Qorti qed issib lill-imputat hati, sehhew fl-24 ta' Jannar 2009, u ghalhekk sehhew meta t-terminu operattiv tas-sentenza sospiza kien ghadu ghaddej.

*L-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali*

Apparti s-sentenza surreferita kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni esebiet ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, deciza fil-11 ta' Gunju 2007, fejn l-imputat odjern ukoll kien instab hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih f'dawk il-proceduri. Din is-sentenza giet appellata mill-imputat, pero il-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza tal-4 ta' Settembru 2007 - esebita wkoll f'dawn il-proceduri - iddikjarat l-appell null u bla effett.

Ghaldaqstant, l-imputazzjoni tar-recediva kif kontemplata fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali tirrizulta wkoll debitament ppruvata.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghalkemm wiehed jista' jargumenta li dan kien incident zghir, kif irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali[5] fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Roderick Farrugia**, deciza fis-26 t'April 2007: *"Kif irriteniet din il-Qorti diversi d-drabi, reati ta' vjolenza attiva fil-konfront tal-Pulizija kull ma jmorru qed jizdiedu w jsiru ferm spissi w l-Qrati ghandhom id-dmir, fejn ikun il-kaz, li jaghtu il-protezzjoni xierqa lill-forzi tal-ordni fejn dawn ikunu qed jagixxu entro il-poteri lilhom moghtija fl-esekuzzjoni tal-ligi w ma jistghux jittrattaw dawn il-kazijiet b'leggerezza w jikkondonaw dak li ma ghandux jigi kondonat b'pieni irrizorji."* (ara wkoll fl-istess sens is-sentenza **Il-Pulizija vs Angelo Abela**, deciza fil-21 ta' Jannar 2010 mill-Qorti tal-Appell Kriminali[6])

Il-fedina penali tal-imputat m'hi xejn felici – huwa ghandu erba' u ghoxrin (24) kundanna minn dawn il-Qrati, il-maggior parti taghhom konsistenti fi glied, theddid u reati ta' feriti ta' natura hafifa – tnejn minnhom fuq ufficjali tal-Pulizija, u reati ta' danni volontarji. Il-maggoranza tal-kundanni l-ohra relatati ma ksur tal-ligijiet tas-sewqan. Huwa inghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati biex jirriforma ruhu, inkluz zewg sentenzi sospizi. Pero

[5] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.
[6] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.

jidher li l-imputat ma tghallem xejn, tant li pendenti dawn il-proceduri huwa ikkommetta u gie ikkundannat darbtejn minn dawn il-Qrati li kkaguna feriti hfief lil tlett persuni, tar-reat ta' glied u li kkaguna danni volontarji.

Ghal fini ta' piena, l-Qorti kkunsidrat li r-reati kontemplati fl-Artikoli 338(g), 338(ee) u 338(bb) tal-Kodici Kriminali huma assorbiti fil-piena tar-reati taht l-Artikoli 95 u 96 tal-istess Kodici, ai termini tal-Artikolu 17(d) tal-Kodici Kriminali.

Inoltre, bl-applikazzjoni tat-teorija tal-konkors formali u ideali tar-reati, l-piena ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 95 hija assorbita fil-piena ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 96.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni, li l-piena ghandha tkun wahda ta' prigunerija effettiva, pero lejn il-minimu taghha tenut kont li l-imputat ma kkagunax feriti lil PC 107. Ghall-istess raguni, l-Qorti m'hix ser izzid il-piena bi grad minkejja li l-imputat hu recidiv.

Inoltre, il-piena kontemplata fl-Artikolu 325(1)(b) trid tigi ridotta bir-regoli tal-konkors tar-reati u pieni skond l-Artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali.

L-imputat irid ukoll ihallas il-multa applikabbli ghar-reat li uza t-telefon cellulari waqt li kien qed isuq.

Ghal kull buon fini jigi rilevat li l-Qorti se tapplika il-piena applikabbli ghar-reati li taghhom instab hati, kif kienu fid-data meta gew kommessi dawn ir-reati.

Inoltre, l-Qorti hija tal-opinjoni li s-sentenza sospiza ghandha tigi reza operattiva.

## Konkluzjoni

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 95, 96, 325(1)(b), 338(g), 338(ee), 338(bb), 49, 50 u 17(b) u (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 115 tal-Avviz Legali 128 tas-sena 1994 kif sussegwentement emendat, issib lill-imputat hati tar-reati kollha

kontemplati f'dawn l-artikoli u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt (6) xhur prigunerija.

Inoltre, il-Qorti tordna, ai termini ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-piena ta' prigunerija ta' xahrejn prigunerija sospizi ghal sena moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-28 ta' Jannar 2008 tigi reza operattiva, u b'hekk l-hati ghandu jaghmel perjodu globali ta' tminn (8) xhur prigunerija.

Inoltre, il-hati ghandu jhallas multa ta' hamsin Euro (€50.00), li ghandha tithallas minnufih, u fin-nuqqas tigi konvertita fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Fl-ahharnett, bis-sahha tal-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati ihallas lill-Gvern ta' Malta is-somma ta' mitejn u erba' u ghoxrin Euro u ghoxrin centezmu (€224.20).

**Magistrat**

**Deputat Registratur**